MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 606/2007

**Joseph Axisa u Shaun Axisa**

**vs**

**Calcidiono Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ elf, sitt mija, tnejn u disghin Ewro u sbatax il-centezmu (€1692.17) ekwivalenti ghal Lm726.45, rapprezentanti danni f’diversi hwejjeg immobli. Billi fil-11 ta’ Settembru, 2003 fil-Marsa ghal habta tal-4.00 p.m, il-konvenuti hebbew ghall-atturi sabiex jingurjaw, idejqu u jaghmlu hsara u kkagunaw griehi ta’ natura hafifa, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, qalu kliem oxxen u fahxi li jikkonsistu f’dagha fil-pubbliku u kkagunaw danni f’diversi hwejjeg mobbli ta` l-atturi ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ €1459.24 u dan inkwantu ghal €791.99, rapprezentanti l-valur ta’ katina

tad-deheb li ma nstabitx wara l-incident, €184.02 hsarat ikkagunati fin-nuccali ta` l-attur, €45.42 spejjez inkorsi mill-attur ghas-servizzi medici, €112.50 ghal kiri ta' vettura, €194.85 rapprezentanti hsarat kagunati *f'windscreen* tal-vettura misjuqa mill-attur, €93.17 ghat-tapizzar u in kwantu ghas-somma ta' €37.27 *windbreakers*.

Illi b'sentenza fl-ismijjiet Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello) vs Calcidiono Bilocca, Angelo Bilocca u Ivan Bilocca deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr. Giovanni Grixti) fit-22 ta' Marzu, 2006, il-konvenuti gew misjuba hatja ta` l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom. (Dok. LZ1)

U billi l-atturi inkorrew wkoll spejjez ghal servizzi legali prestati lilhom mill-Avukat Dr. Joseph Bonnici in konnessjoni ma` l-kawza hawn fuq citata fis-somma ta' €232.94.

U billi l-konvenuti gew interpellati sabex jersqu ghal hlas ta' danni kagunati minnhom izda baqghu inadempjenti.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1) jiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kollha kkagunati lill-attur fl-incident li sehh fil-11 ta' Settembru, 2003 fil-Marsa ghal habta ta` l-4.00 p.m.;

2) jikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' €1692.17, rapprezentanti danni kagunati lilhom mill-konvenuti kif hawn spjegat.

Bl-Ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra bonarja datata 28 ta' Mejju, 2007 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuti fejn qalu illi:

1) Preliminarjament l-azzjoni ta` l-atturi hija irritwali u nulla billi ma jirrikorrux ghall-elementi kollha mehtiega ghall-azzjoni kollettiva;
2) Preliminarjament ukoll l-azzjoni taz-zewg atturi hija preskritta ai termini ta` l-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili u l-artiklu 688 (e) u (f) tal-Kodici Kriminali.

3) Illi fil-mertu it-talbiet taz-zewg atturi huma wkoll infondati fil-fatt u fil-ligi. L-azzjoni civili u l-azzjoni kriminali huma indipendenti minn xulxin u l-atturi ma jistghux jistriehu fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bhala prova ta` l-allegazzjoni taghhom.

4) F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet kull attur ghandu jipprova konklussivament l-allegazzjoni tieghu kontra kull wiehed mill-konvenuti, nkluzi d-danni li jallega li garrab.

5) F'kull kaz ukoll, it-talba ghall-kundanna tat-tlett konvenuti flimkien u solidalment bejniethom hija nfondati fil-fatt u fil-ligi u jekk ikun il-kaz, kull konvenut ghandu jbati biss ghall-azzjonijiet tieghu.

Ra d-dokumenti ezebiti fl-atti tal-kawza.

Ra u sema` illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2007, il-konvenuti ddikjaraw illi m'ghandhomx provi fuq l-ewwel eccezzjoni fil-konfront tal-konvenuti kollha.

Illi t-Tribunal beda jisma' l-provi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni u sema` x-xhieda ta' Maria Fleur Gauci u Joseph Axisa.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra

Din il-kawza titratta dwar danni fuq allegati hsarat kkagunati lill-atturi mill-konvenuti. Illi qabel ma gie trattat il-mertu, t-Tribunal sema' l-provi dwar l-eccezzjoni

preliminari tal-preskrizzjoni tal-konvenuti fejn intqal illi l-azzjoni taz-zewg atturi hija preskritta ai termini ta` l-artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili u l-artiklu 688 (e) u (f) tal-Kodici Kriminali.

It-Tribunal jirrilleva illi dan il-kaz ma jaqax taht l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili izda jaqa' taht l-artiklu 2154 (1) ta' l-istess kodici fejn jintqal illi azzjoni civili ghal hlas ta' '… hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali.' It-Tribunal ghalhekk irrefera ghall-artiklu 688 tal-Kodici Kriminali.

Il-konvenuti ecceppew llli l-azzjoni ta` l-atturi hija preskritta a tenur tal- artiklu 688 (e) u (f) u cioe' illi l-azzjoni tigi preskritta bl-eghluq ta` sentejn skond l-artiklu 688 (e) 'ghad-delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet;' u (f) 'bl-eghluq ta' tliet xhur ghall-kontravenzjonijiet u ghall-ingurji bil-fomm suggetti ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet'.

It-Tribunal jirrilleva li l-konvenuti kienu gew akkuzati fil-Qorti tal-Magistratura, Gudikatura Kriminali talli kkagunaw griehi gravi ta' natura hafifa, hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, liema hsara hija izjed minn €1164.69, talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor, talli hebbew kontra Joseph Axisa sabiex jingurjawh, idejjqu jew jaghamlulu hsara u talli fl-istess zmien qalu kliem ohxon u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, talli Angelo Bilocca, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' bil-ponta minghajr licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija, talli Calcidonio Bilocca wahdu ghamel atti oxxeni fil-pubbliku.

It-Tribunal jirrilleva illi l-hsara lil hwejjeg Joseph Axisa u Shaun Axisa hija izjed minn €1164.69. Huwa pacifiku illi din l-azzjoni taqa' taht id-dispozizzjonijiet ta` l-artiklu 325 (a) tal-Kodici Kriminali fejn 'kull min b'mezzi xort' minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta` qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament jaghmel ihassar, jaghmel hsara jew

jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, jehel meta jinsab hati - ‘(a) jekk l-ammont tal-hsara ikun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), il-piena ta’ prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba’ snin’.

Fil-fehma tat-Tribunal ghal finijiet ta’ preskrizzjoni l-artiklu 325 (a) tal-Kodici Kriminali ghandu jigi meqjus taht l-artiklu 688 (d) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk l-azzjoni ghandha tigi preskritta bl-eghluq ta’ hames snin. Il-ligi kriminali tghid ukoll taht l-artiklu 689 illi ghaz-zmien tal-preskrizzjoni ma jittihiedx qies tac-cirkostanzi li jnaqqsu l-piena. Fil-kaz odjern, il-piena kienet tnaqqset fis-sentenza tal-Qorti.

It-Tribunal huwa ghalhekk tal-fehma illi l-incident sar fil-11 ta’ Settembru, 2003 u l-kawza giet intavolata fl-20 ta’ Lulju, 2007. Illi dan ir-reat jaqa’ taht l-artiklu 325 (a) tal-Kodici Kriminali u li ghalhekk ghandu japplika l-artiklu 688 (d) fejn l-azzjoni tigi preskritta b’eghluq hames snin. Illi jidher illi l-azzjoni saret fiiz-zmien tlett snin u ghaxar xhur mid-data ta` l-incident. Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti li qalu li ghal dan il-kaz kellu japplika l-artiklu 688 (e) jew (f) m’ghandhiex tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza.

Spejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------